MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 533/2008

**Practical Trading Co. Ltd. (C12898)**

**Vs**

**1) Mariella Geres maghrufa wkoll bhala Ella St. John jew Chircop St. John**

**2) Tiziana Casha**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tmienja u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€2,148.38), disa' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tletin centezmu (Lm922.30), rapprezentanti ammont li huwa dovut bhala prezz ta' merkanzija mibjugh u kkonnsenjat li ghalih 'thallas' b'cekk li ma giex onorat.

Bl-imghax minn Awissu 2006 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali taht l-Art. 166A numri 2500/07 u 3914/07 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu is-somma ta' elfejn, mija u tmienja u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€2,148.38), disa' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tletin centezmu (Lm922.30), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------